MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 1361/2010

**Compleet IS Services Ltd**

**Vs**

**Keanad Limited**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta’ Awissu, 2010 fejn is-socjeta’ attrici talbet illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn mija u hdax-il Ewro u disgha centezmi (€2,111.09) u dan peress illi s-socjeta kkonsenjat diversi merkanziji ta’ computer hardware u affarijiet ancillari ma computer lis-socjeta konvenuta.

Illi s-socjeta konvenuta rceviet tali konsenji, izda nonostante dawn il-konsenji ghadha sa llum naqset li thallas il-bilanc akkont ta' elfejn mija u hdax-il Ewro u disgha centezmi (€2,111.09)
Illi s-socjeta' attrici baghtet ittra legali datata 18 ta' Jannar, 2010 kif jidher mill-anness Dok A. Illi sa llum dan l-ammont ghadu cert likwidu u dovut.

Illi ghaldaqstant tghid is-socjeta konvenuta ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux:

1. Jiddikjara u jiddecidi billi jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma bilancjali ta' elfejn mija u hdax-il Ewro u disgha centezmi (€2,111.09) lis-socjeta' attrici. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-ittra legali datata 18 ta' Jannar, 2010 sal-pagament effettiv.

It-Tribunal ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-1 ta' Gunju, 2012, la ghal dik tal-25 ta' Ottubru, 2012 lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2012 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn mija u hdax-il Ewro u disa' centezmi

(€2,111.09) flimkien mal-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------